MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1526/2000/1

**Carmen Azzopardi**

**vs**

**Alfred Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-2 ta' Ottubru 1973, l-attrici zzewget lill-konvenut (Dok. "A") gewwa l-Hamrun, minn liema zwieg il-konjugi Azzopardi kellhom tifla wahda, Fiona, li llum hija maggorenni;

Illi ghal numru ta' snin, il-konvenut abbanduna sew lil martu kif ukoll lil binthom;

U illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti kienet saret impossibbli u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut *oltre* li rrenda ruhu hati ta’ adulterju, sevizzi u ngurji gravi;

U li l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta’ Digriet tas-Sekond’ Awla numru 27/2000 hawn anness bhala Dok. “B”;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b’tort unikament tal-konvenut;

2. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti fit-termini ta’ l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, u tassenja l-assi ta’ l-istess lill-attrici, u jekk ikun il-kaz lill-konvenut f’dawk il-kwoti li l-Qorti jidhrilha xierqa;

3. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tieghu, kif provdut fl-Artikolu 48;

4. Kemm-il darba jirrizulta possibbli, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata alimentarja li jidhrilha xierqa.

5. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha Catania.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tal-15 ta’ Novembru 1999 u tal-5 ta’ Lulju 2000 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2001; tat-2 ta’ Mejju 2001; tat-3 ta’ Lulju 2001; tat-30 t’Ottubru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tad-9 ta’ Jannar 2002; tas-27 ta’ Marzu

2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota ta’ l-attrici Carmen Azzopardi tal-11 t’Ottubru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn wara li Dr. Leslie Cuschieri nforma lill-Qorti li l-provi gew maghluqa, il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja tirritorna lura l-process ghall-finali trattazzjoni; u tad-19 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Leslie Cuschieri ghall-attrici ddikjara li m’hemm xejn fil-komunjoni x’jinqasam u li sa fejn taf l-attrici, il-konvenut ma jahdimx. Il-Qorti tat ghoxrin gurnata zmien lill-konvenut biex jipprezenta n-nota t’osservazzjonijiet tieghu bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu wkoll ghoxrin gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta’ Mejju 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat il-konvenut baqa’ ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Carmen Azzopardi** permezz tal-affidavit taghha ddikjarat illi:-

*“Jien twelidt fMejju 1957, u iltqajt mal-konvenut Alfred Azzopardi meta kelli biss (15) hmistax-il sena, filwaqt li huwa seba’ (7) snin akbar minni; kien qabad mieghi barra*

*fit-triq. Konna tkellimna u wara ftehemna li nergghu niltaqghu; u ergajna ltqajna, u bqajna nohorgu flimkien regolarment. Dak iz-zmien kont ghadni kif spiccajt l-iskola, u Alfred kien jahdem ma' wiehed in-Naxxar jaghti l-lostru lill-ghamara. Ma kont rajt xejn hazin fih, kien ghogobni, u hu kien jittrattani tajjeb.*

*Wara ftit beda jkollna x'naqsmu flimkien sesswalment, u wara ftit xhur li konnha ilna niltaqghu hrigt tqila minnu. Meta ghidt lil ommi b'dan, din haditha bi kbira u bdiet taghmel pressjoni fuqi biex nizzewgu. Mill-banda l-ohra missieri assolutament ma qabilx li nizzewweg lil Alfred. Ommi baqghet tinsisti li nizzewweg, u fl-ahhar bhal kelli naccetta, u meta ghidt lil Alfred, dan accetta wkoll. F'temp ta' bejn xahar u xahrejn minn meta sirt naf li kont tqila, irrangajna kollox u zzewwigna. Izzewwigna go kappella l-Hamrun fit-2 t'Ottubru 1973. M'ghamilniex celebrazzjonijiet, u dakinhar morna nghixu go kamra li kera zewgi l-Gzira.*

*Ghandi nghid li sa minn qabel izzewwigna, Alfred kellu pendenti kaz ta' serq il-Qorti, liema kas inqata' hames (5) xhur wara li zzewwigna; b'dik is-sentenza zewgi wehel ghoxrin (20) xahar u ghoxrin (20) jum habs, meta bl-amnestiji fil-fatt qatta' (11) hdax-il xahar gewwa. Meta dahal il-habs jien kont qed noqrob li nwelled, u ghalhekk mort nghix m'ommi u missieri. It-tarbija, Fiona, twieldet fis-16 ta' Marzu 1974 meta zewgi kien il-habs.*

*Meta zewgi hareg mill-habs, huwa kera 'flat' fil-Gzira wkoll, u mort nghix mieghu bit-tarbija b'kollox. Wara ftit huwa beda jahdem ma' Dirghajn il-Maltin. Kien ghazzien u kien beda jfalli x-xoghol, sa ma tkecca. Imbaghad beda jgieghelni mmur ghall-prostituzzjoni. Huwa kien akbar minni u kont nibza' nghidlu 'le'. Meta ma kontx naghmel dak li jrid hu gieli sawwatni, u ghalhekk bdejt immur ghall-prostituzzjoni kontra l-volonta' tieghi. Imbaghad iddecidejna li mmorru nghixu go 'flat' San Pawl il-Bahar u jien hsibt li konna ser nibdew hajja gdida, izda anke hawnhekk huwa baqa' bla xoghol u beda jnizzilni l-Gzira ghall-prostituzzjoni. Jien ma stajtx nissaporti din il-hajja u wara tliet (3) snin minn mindu zzewwigna ddecidejt li*

*nitlaq minn mieghu. Minhabba l-habs li wehel zewgi, jigi li fil-fatt ghixna flimkien madwar sentejn.*

*It-tifla hadtha mieghi, u ghall-bidu huwa kien jigi jaraha; izda maz-zmien huwa ggrava fil-vizzju tas-serq, u biex inbieghed lil binti mill-ezempji hziena ddecidejt li ma nibqax intihielu. Alfred wehel il-habs ta’ lanqas f’zewg okkazjonijiet ohra. Illum-il gumata huwa qieghed barra, ghandu mara ohra, u naf li ghandu xi tfal minnha. Jiena ma nkellmux lil Alfred, izda dan il-fatt qalituli binti Fiona, li ghandha tmienja u ghoxrin (28) sena, u li minn zmien ghal zmien ghadha tkellmu u tmur tarah.*

*Proprjeta’ nista’ nghid li ma kellna xejn ghax konna nikru postijiet ‘furnished’, u ma konna nixtru xejn ta’ valur. Minn meta nfridna ’l hawn kulhadd ha dak li kellu jiehu u nghid li llum-il gurnata ma baqa’ xejn in komun bejni u zewgi, u ghalhekk m’ghandna xejn x’jinqasam bejnietna. Minn dak iz-zmien nahseb li ma baqa’ xejn minn dak li stajna xtrajna flimkien, u ma nafx x’seta’ akkwista zewgi minn dak iz-zmien ’l hawn. Sa fejn naf jien zewgi ghadu jirregistra ghax-xoghol, jiehu l-assistenza socjali, u ghalhekk jien ma qed nippretendi xejn minghandu”.*

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob is-separazzjoni legali minn zewgha peress li qed tallega li l-konvenut kien hati ta’ adulterju, sevizzi u ngurji gravi fil-konfront taghha u wkoll li abbanduna lill-familja.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici, peress li l-konvenut baqa’ kontumaci, jirrizulta li dan kollu jinsab ippruvat peress li jidher li l-attrici kienet suggetta ghall-vjolenza domestika tul iz-zwieg kollu u wkoll sahansitra li l-attur kien sfurzaha sabiex tipprostitwixxi ruhha. Apparti l-fatt li jirrizulta wkoll li apparti l-adulterju da parti tal-konvenut huwa qatt ma mantna la lil martu u lanqas lil bintu li llum hija maggiorenni.

Illi dwar it-tieni talba din il-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti b’effett mid-29 t’Ottubru 1999 u cjoe` d-data

meta l-attrici istitwiet il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, u peress li mill-provi jirrizulta li ma kien hemm xejn ta' valur fl-istess komunjoni tal-akkwisti, konsegwentement m'hemm xejn mill-istess x'jigi likwidat u diviz.

Illi dwar it-tielet talba, minhabba l-atteggjament serju u krudili tal-konvenut fil-konfront ta' martu li wassal ghall-kawza odjerna din it-talba ghandha tigi milqguha b'dan li l-**artikolu 48 tal-kap 16** ghandu jigi dikjarat *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

Illi dwar ir-raba' talba, ghalkemm l-attrici ghandha d-dritt skond il-ligi li tesigi l-hlas ta' manteniment ghaliha minghand il-konvenut, ma jirrizultax li fic-cirkostanzi odjerni tista' ssir kundanna ghal tali hlas peress li mill-provi jirrizulta li l-konvenut m'ghandux impjieg.

Illi l-hames talba ghandha tigi milqugha b'dan li l-attrici ghandha tirriverti ghal kunjomha xebba Catania.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz**, b'dan illi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut u dan minhabba adulterju, sevizzi, ngurji gravi, w abbandun tal-konvenut tal-familja.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mid-29 t'Ottubru 1999, u tastjeni milli tillikwida u tassenja l-assi *stante* li tali komunjoni tal-akwisti ma tikkonsisti llum f'xejn ta' valur w ghalhekk m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

3. Tilqa' din it-talba u tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tieghu, kif provdut fl-**Artikolu 48 tal-Kap 16**, b'dan li *ai fini* tal-artikolu 48 (c), id-data li l-istess konvenut ta lok ghal din is-separazzjoni hija dik fuq indikata tad-29 t'Ottubru 1999;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba biex tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata alimentarja li jidhrilha xierqa, u dan peress li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu, b'dan pero` li tikkonferma d-dritt ta' l-attrici ghall-hlas ta' l-alimenti mill-konvenut.

5. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha Catania.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-15 ta' Novembru 1999 u tal-5 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------